MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2003

Numru 640/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**NATASHA MALLIA**

**Illum 6 ta' Awissu, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Natasha Mallia ta' 20 sena bint Emmanuel u Anna nee Camilleri, imwielda Pieta fis- 7 ta' Dicembru, 1982 u toqghod Blk 6, Flat 1, Pietru Darmenia Street, Pembroke. ID24283M giet akkuzata:

Talli fl-1 ta' Lulju, 2003 f'Haz-Zabbar xi hin wara nofs in nhar, bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CP3 u nnutat li l-imputata ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputata rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li regghet giet mistoqsija jekk tridx tikkonferma l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 110(1), 110(2), 108(1)(b) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Natasha Mallia, fuq ammissjoni, hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tal-imputata, il-fedina penali tal-istess imputata, l-fatt li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u li

l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Natasha Mallia ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-imputata Natasha Mallia tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta timponi fuq l-imputata Natasha Mallia interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputata sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Natasha Mallia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------